# It-Tokki ta' l-Arloġġ

Le, iblah la jien u l-anqas kont! Imdagħdagħ iva, imnikket ukoll, iżda miġnun jew iblah... qatt! Intom tgħidu li jien iblah, li mxejt t'iblah; iżda mhu xejn minnu. Isimgħu......

Kont ili sigħat li dħalt ġo soddti u kont għamilt minn kollox biex norqod. Iżda ta' xejn! tqalleb il hemm, tqalleb il hawn, l-irqad ma riedx jaħkimni. Il-lejla kienet sewda, kiesħa u xitwija. Fid-dar, kulħadd rieqed. Kamarti, imkeffna f'mantar iswed; kienet saltnet il-ħemda, iżda le — tik-tik-tik, l-arloġġ tas-sala beda jikser is-skiet kollu, u mħabba fil-ħemda, it-tokki tiegħu kienu qed jinstemgħu akbar, eħrex u eqlel milli tabilħaqq kienu.

X'ħemda kienet dik! iżda kif ħarabni l-irqad! Imdawwar b'dak id-dlam ċappa, jien għamilt mill-aħjar biex ninsa nniket u l-għeltijiet tal-ħajja f'serħan l-irqad, iżda dak il-ħoss ħjieni, kien dlonk jiġi biex itajjarli l-irqad; biex jifnili 'l ruħi u jwaqqagħni lsir ta' l-eħrex niket.

Dak il-ħoss; meqjus; qalil f'mixjitu, baqa' miexi, dejjem miexi, bla xejn ma jlajma, jew iħaffef; dejjem bl-istess pass, jien bdejt nibża', nitkexkex. Stħajjiltni ħaġra kbira, u dawk it-tokki kienu d-daqqiet tal-munqar li bil-qajla l-qajla kienu qegħdin inaqqxu, dejjem, inaqqxu minnha sa ma fl-aħħar iġibuha fix-xejn. Tik-tik-tik; tabilħaqq, il-ħin miexi ġmielu; mhux imgħaġġel; mhux lajman; iżda dejjem miexi, u l-ħaġra li ninsab jien, issa mittiekla, waslet biex tiġi fix-xejn. Kif tabilħaqq? jien immur għal dejjem, u miegħi imħabbti u s-sbuħija u l-idejal tal-ħajja...... kif jista jiġri dan? dan il-ħsieb beda jgħakkisni taħt ebusitu. Qalbi bdiet tħabbat; it-tokki tagħha kienu kbar, daqs ta' l-arloġġ...... u baqgħu jikbru; issa tħawdu u saru ħaġa waħda mat-tokki ta' l-arloġġ. Tik-tik-tik, baqgħu jtambru ġo fija; iżda mixjin dejjem mixjin, 'il ħinn, lejn ixxbiha tal-mewt.

It-tokki, il-mewt, it-tmiem — li kieku bqajt fis-sodda kont niġġennen. Noħroġ minn ġol-frix; naħrab 'il barra; nidħol fissala. Ah, hemm! taħt il-mantar faħxi tal-lejl; hekk, fir-rokna, l-għadu tiegħi qiegħed itektek, igħodd il- ħin tat-tmiem tiegħi! Jien ma ngħidx iżjed. Ninsa l-kesħa, u d-dlam. Għandi għadu quddiemi, irrid neqirdu. Immur naħtfnu bejn idejja. Inġorru fl-ogħla tieqa. Jien nitfgħu 'l isfel, 'l isfel. — Aha — x'serħan, tarah nieżel, nieżel, sa ma fl-aħħar jitfarrak fit-triq, u miegħu titfarrak dik id-dehra waħxija ta' tmiem...!

U issa kollox għeb; it-tokki, il-mewt — kollox. Is-sħab iswed għadda u 'l ħinn, fil-bogħod jidher jilma x-xemx lewn il-fidda ta' għodwa rebbiegħa. Iblah ma kontx, ma nkunx; kien biss dak il-misħut arloġġ; dawk it-tokki ħjienja; dik id-dehra waħxija tal-mewt riesqa......

1/8/44

ANTOINE EMM. DE PARES.